# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 01

Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Kunsillier
Is-Sinjura Carmela Parnis – Kunsillier
Is-Sur John Farrugia - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa bħala l-Kunsillier l-aktar anzjan, jiġifieri l-Kunsillier li ilu jservi kontinwament fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit li fl-Elezzjoni Lokali eleġġew il-maġġoranza tal-Kunsillieri.

### 01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

01.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji minħabba li kull membru kien preżenti.

### 01.2 L-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku;

01.2.1 Is-Sur Damien Spiteri ntalab jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Sindku.

### 01.3 L-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku;

01.3.1 Is-Sinjura Carmela Parnis intalbet tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Viċi Sindku.

### 01.4 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

01.4.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 18 ta' Lulju 2024 fis-6.45 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |